MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 1079/2006

**Malcolm CASSAR bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera Eur Op Ortofrutticoli**

**vs**

**THE VEG POINT Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fl-1 ta' Diċembru, 2006, li bih is-soċjeta' barranija rikorrenti ippremettiet;

1. Illi fix-xhur Settembru u Ottubru tas-sena 2004, is-soċjeta' intimata ordnat mingħand is-soċjeta' rikorrenti merkanzija ta' frott u dan hekk kif jidher minn fatturi bin-numru 00001148 u 00001288 hawn annessi u mmarkati bħala Dok. A u B rispettivament.

2. Illi din il-merkanzija ġiet debitament ikkonsenjata lis-soċjeta' intimata.

3. Illi l-prezz ta' bejgħ ta' din il-merkanzija kien ta' tmienja u għoxrin elf u sittax Euro (28,016.00 Eur) ekwivalenti għall-Liri Maltin bir-rata tal-kambju ta' 2.33 Euro għall-Lira Maltija għas-somma ta' circa tnax-il elf u erbgħa u għoxrin Liri Maltin (Lm12.024,03).

4. Illi mill-ammont surreferit ta' tmienja u għoxrin elf u sittax Euro (28,016.00 Euro), is-soċjeta' intimata għadha ma ħallset xejn lis-soċjeta' rikorrenti u għaldaqstant is-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf u sittax Euro (28,016.00 Eur).

5. Illi għalkemm debitament interpellata, anke uffiċjalment, sabiex tħallas dan l-ammont, is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti, nonostante illi d-direttur tas-soċjeta' intimata assikura verbalment lill-esponenti illi d-debitu ser jiġi saldat.

6. Illi l-ammont dovut lis-soċjeta' rikorrenti mis-soċjeta' intimata huwa ċert likwidu u skadut u s-soċjeta' intimata m'għandha l-ebda eċċezzjoni x'tagħti għat-talba tas-soċjeta' rikorrenti.

7. Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha meħtieġ skond l-artikolu 167 tal-kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex il-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi bid-dispenza tas-smigħ.

8. Illi dawn il-fatti, l-esponenti jafhom personalment.

Għaldaqstant tgħid is-soċjeta' intimata prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi u għad-dokumenti esebiti għaliex, m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi skond it-talba attriċi bid-dispenza tas-smigħ skond l-artikolu 167 tal-kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u: -

1. Tiddikjara lis-soċjeta' intimata debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf u sittax Euro (28,016.00 Euro) ekwivalenti għall-Liri Maltin

bir-rata tal-kambju ta’ 2.33 Euro għall-Lira Maltija għas-somma ta’ circa tnax-il elf u erbgħa u għoxrin Liri Maltin (Lm12,024.00) oltre l-imgħax kummerċjali mid-data tal-konsenja;

2. Tikkundanna lis-soċjeta’ ntimata tħallas lis-soċjeta’ rikorrenti l-ammont surreferit.

Bl-ispejjeż inkluż dawk ta’ l-ittra uffiċjali tat-30 ta’ Ottubru 2006 u tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 1731/06 u bl-imgħax kummerċjali u bl-inġunzjoni tas-soċjeta’ ntimata in subizzjoni.

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta’ Jannar, 2007, li bih tat lill-kumpannija mħarrka żmien biex tikkontesta l-kawża;

Rat illi, minkejja ż-żmien mogħti lill-kumpannija mħarrka, din naqset milli tressaq it-Tweġiba tagħha;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-lum li fih l-avukat difensur tal-kumpannija mħarrka talab li l-Qorti ttawwal bi ftit jiem oħra ż-żmien biex hija tressaq it-Tweġiba tagħha.

Rat li l-attur nomine oppona għat-talba;

Rat id-degriet tagħha tal-lum li bih, u għar-raġunijiet imsemmija, l-Qorti ċaħdet it-talba tal-kumpannija attriċi u iddikjaratha bħala kontumaċi;

Rat in-nota mressqa mis-soċjeta’ intimata waqt is-smigħ tal-lum li biha ammettiet it-talba kif dedotta fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tas-soċjeta’ intimata, it-talba dedotta fir-rikors tirriżulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-soċjeta’ intimata tiddeċiedi billi tilqa’ t-talbiet tas-soċjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjeż kontra s-soċjeta’ intimata.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------